Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**14552/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0455 (COD)**

**CODEC 1644**
**ENV 1110**
**CHIMIE 122**
**FOOD 97**
**SAN 675**
**AGRI 532**
**MI 827**
**RECH 469**
**COMPET 1069**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta’ kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-Aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi**(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-7 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta[1] tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 43, 114, 168(4)(c), 192(1) u 207 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Marzu 2024[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

[1] 16973/23 + ADD 1 + COR 1.
[2] ĠU C, C/2024/3381, 31.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3381/oj.

4. Fil-21 ta' Ottubru 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[3]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 26/25, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[3] 14189/25.